# ĦAMSIN SENA MILL-BINI TAN-NAVIJIET TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

## ĦSIEB LI JINBNEW IN-NAVIJIET

Il-ħsieb li titkabbar il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex kien ilu jberren fl-imħuħ. Ir-Rabat kull ma' jmur dejjem baqa' joktor u l-Bażilika ta' San Ġorġ tiċkien għan-nies, speċjalment fil-Ħdud u fil-festi. Il-qagħda tagħha fil-qalba tar-Rabat kienet minn dejjem ta' mportanza għal poplu tar-Rabat u ta' l-irħula fil-ħtiġijiet spiritwali. Dan il-fenomenu spiritwali għadu jeżisti sa żmienna, għaliex barra li f'din il-Bażilika jsiru l-aqwa festi liturġiċi ma tul is-sena fiha, wieħed isib il-kumditajiet spiritwali.

Fis-sena 1927 Mons. Isqof Djoċesan Mikiel Gonżi (1924 – 1944) kien għamel l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan f'San Ġorġ fejn il-knisja kienet ippakkjata bin-nies. Kien l-Isqof stess li għarraf lill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili Prel. Dom. (1917 – 1943) li l-knisja ċkienet u li hemm bżonn li titkabbar. L-Arċipriet Hili li ma oħrajn kien ta' din il-fehma dritt ħataf l-okkażjoni. La qegħdin insemmu din il-ġrajja l-Isqof Mikiel Gonzi kien għenn ħafna għax ta' l-permessi meħtieġa għat-tkabbir tal-knisja. Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li jibnu żewġ kappelli ta' Ġesù Marija u tal-Kurċifiss. Hekk li l-perit Arturo Bondì kien għamel pjanta ta' kappella fejn fil-fatt din ma saritx. Id-diffikultà kbira kienet dwar in-navijiet tan-naħa tal-punent. Fuq in-navijiet tan-naħa tal-lvant dawn setgħu jinbnew għax kien hemm iz-zuntier waqt li n-naħa l-oħra ma kienx hemm. Ġużeppi Portelli kien ilu s-snin jistudja kif sa jkabbar il-knisja. Kien jgħaddi sigħat sħaħ fuq il-bejt tal-knisja jħares u jistudja kif sa jsib il-mezzi. Huwa ħejja l-pjanti għal din l-opra arkitettonika li kompliet tkabbar u żżejjen dan it-tempju monumentali.

## L-ARKITETT ĠUŻEPPI PORTELLI (Taz-Zopp)

Qawl Malti jgħid 'Bin is-sengħa għandu nofsha," u tassew hekk huwa. Ġużeppi Portelli bin Vitor u Grazzjella mwielda Farrugia twieled fir-Rabat ta' Għawdex fid-29 ta' Settembru 1883 u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali, llum Bażilika u Kolleġġjata, ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Dr. Felix Refalo.[1]

Fil-familja Portelli (taz-Zopp) insibu nies tas-sengħa mhux biss f'dik li hija arkitettura, imma wkoll f'dik tal-bini. Biżżejjed insemmu li l-faċċata l-ġdida tal-Bażilika ta' San Ġorġ li reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1816 – 1817 kien bnijha l-bennej Salvu Portelli (taz-Zopp) fuq id-disinn ta' l-Arkitett Għawdxi-Rabti, l-Kan. Dr. Salvu Bondì (1790 – 1859)[2]

Il-Knisja Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra xogħol ukoll ta' l-Arkitett Dr Salvu Bondì inbniet mill-bennej Franġisku Portelli mir-Rabat (taz-Zopp).[3]

Il-faċċata ġdida tal-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt Victoria li bdiet tinbena fis-16 ta' Lulju 1891 liema xogħol intemm fit-18 ta' Marzu 1892 sar minn Vitor Portelli, missier Ġużeppi li qiegħdin niktbu fuqhu. Il-pjanta hija tal-perit Arkitett Pasquale Calleja.[4]

Fl-aħħar ta' April tas-sena 1907 kien beda x-xogħol tat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Portelli (1907 – 1928) kien ħa ħsieb jagħmel il-pjanti Ġużeppi Portell (taz-Zopp). Dan kien jiġi kuġin mal-Kappillan Portelli. Il-Knisja kienet tkabbret bil-Kappelluni, Kor u Koppla. Ix-xogħol kien spiċċa fis-sena 1910. Il-bennej kien Vitor Vella miż-Żebbuġ (tal-Qanfuda).[5]

Imma l-ikbar biċċa xogħol li għamel Ġużepp Portelli fejn qala' l-għola tifħir hija dik tan-Navijiet, Saqaf troll di bomba, u l-koppla monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ liema xogħol kien beda ħamsin sena ilu. Dwar hekk ser nikteb iktar l-isfel. Barra dawn ix-xogħlijiet Ġużepp Portelli fis-snin tletin kien ħejja wkoll il-pjanta tan-Navijiet għat-tkabbir tal-knisja ta' Santu Wistin tal-Belt Victoria. Din il-biċċa xogħol ma kienetx saret u l-knisja baqgħet mingħajr ma tmesset sal-lum.

Ġużepp Portelli li kien għażeb kien jaħdem ta' Piżatur mal-Gvern. Imma dejjem kien iħobb l-arkitettura u s-sengħa tal-bini. Kien miet fis-7 ta' Ottubru 1955 fl-għomor ta' 72 sena u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija.[6]

## IL-BENNEJ FRANĠISKU SAVERJU VELLA (Tal-Qanfuda)

Wara li tajna ħjiel fuq l-Arkitett Ġużeppi Portelli (taz-Zopp) bil-ġebbieda tiegħu u x-xogħlijiet tagħhom fil-knejjes, jixraq li niktbu wkoll dwar il-bennej tan-Navijiet, Saqaf u Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ li huwa l-Imgħallem Saver Vella.

Il-bennej Franġisku Saverju Vella twieled fiż-Żebbuġ, Għawdex fis-16 ta' Jannar 1881 minn Ġużepp Vella u Rosa mwielda Farrugia. Kien ġie mgħammed fl-istess jum tat-twelid mill-Kappillan Dun Bartilmew Busuttil S.Th.D.[7]

Fil-familja ta' Saver Vella nsibu wkoll żewġ ħutu bennejja magħrufa. Ħuh il-kbir, Lwiġi Vella li bena knejjes f'Għawdex li huma: l-Knisja Parrokkjali tal-Fontana, il-Knisja Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fil-Belt Victoria, l-Knisja ta' Sant'Antnin fl-Imġarr u xogħlijiet oħra. Ħuh Vitor bena s-Santwarju-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu, u l-Kappelluni, Kor, Saqaf u Koppla, u żewġ kappelli fil-kappelluni tal-Knisja Matriċi u Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex.

Biċċa xogħol li kien bena f'Malta Saver Vella hija l-Koppla tal-Lunzjata tal-Birgu. Ix-xogħol ta' din il-koppla spiċċaħ għall-aħħar tas-sena 1925[8] Dan ix-xogħol sar taħt il-ħarsien ta' ħuh, il-bennej Lwiġi Vella.[9]

Fit-23 ta' Settembru 1929 bdew iħottu l-Kampnar il-qadim tal-Knisja ta' Santu Wistin tal-Belt Victoria biex jibnu ieħor ġdid fuq l-istess pjanta imma ikbar u għola. Dan bnieħ Saver Vella miż-Żebbuġ, Għawdex, u spiċċaħ fl-4 ta' Diċembru ta' dik is-sena (1929).[10]

Fis-sena 1932 il-bennej Saver Vella kien lesta wkoll mil-bini tan-navijiet il-ġodda tal-Knisja Parrokkjali u

Arċipretali tal-Qala. Il-pjanta tan-navijiet kien għamilha l-perit Ugo Mallia. Wara dan ix-xogħol, Saver kien bena wkoll il-faċċata ġdida ta' din il-knisja liema xogħol spiċċaħ fis-sena 1933.[11]

## Il-Bini tan-Navijiet tal-Bażilika Ta' San Ġorġ

Il-persuni li ħadmu għalenija għan-Navijiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ kienu: l-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili (1917 – 1943), ħuh, Dun Karm Hili (m. 1956), Mons. Też. Franġisku Portelli (m. 1970), ħuh Ġużeppi Portelli (m. 1955), Dun Ġużepp Gatt (m. 1970) u l-Kleru u l-poplu ta' San Ġorġ. Meta l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi (1924 – 1944) ta l-permessi għal bini, Ġużeppi Portelli ħejja l-pjanti u wara sar il-ftehim mal-bennej Saver Vella.

It-Tnejn 19 ta' Awissu 1935 kien beda x-xogħol fuq iz-Zuntier tal-Knisja n-naħa tal-lvant bit-tħaffir għall-pedamenti. Hawn sabu bir mimli bl-ilma u fuħħar imkisser.

L-ewwel ġebla ta' dawn in-navijiet tpoġġiet fil-31 ta' Awissu tas-sena 1935 u l-binja ta' dan il-ġenb kienet spiċċat fit-18 ta' Ġunju 1936. Meta fl-20 ta' Diċembru 1935 il-bennej Saver Vella kien jikxef il-pilastru ta' bejn l-arkaturi ta' San Pawl u dik tal-bieb tal-ġenb instabet ġebla skolpita bl-arma ta' l-Isqof Fra M. Giovanni Balaguer Camarasa (1635 – 1666).[12]

Fi Frar 1936 fuq iz-Zuntier tal-Knisja ta' San Ġorġ waqt it-tħaffir għas-sisien tal-bini tan-navi nstab bir fond 14-il pied. Kien fih fuħħar sħiħ ta' l-aħħar żmien Ruman. L-Awtoritajiet tal-Mużew ta' Malta ġabru mill-qiegħ ta' dan il-bir 15-il biċċa ta' fuħħar, 6 madumiet f'għamla ta' mqaret u madum ieħor b'sitt kantunieri.[13] Għall-bini tan-navijiet tan-naħħa tal-punent kien hemm bżonn tittieħed it-triq. Hawnhekk kienet id-diffikultà kbira. Wara li sar il-ftehim mas-sidien tad-djar ta' dik in-naħħa inħattu d-djar u nbnew mill-ġdid lura, saret triq ġdida u fit-triq il-qadima nbnew in-navijiet.

Fid-19 ta' Ġunju 1936 bdew iħottu d-djar il-qodma u t-triq il-ġdida nfetħet fis-27 ta' Jannar 1937. Wara bdew iħaffru għall-pedamenti. Fit-12 ta' Frar 1937 tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' dawn in-navijiet liema xogħol spiċċa fit-3 ta' Novembru 1937 bl-aħħar ġebla tal-koppletta ta' San Ġużepp.[14] F'Jannar 1937 waqt l kien isir l-istess tħaffir għan-navi ħdejn il-kappellun ta' San Lazzru nkixef fdal ieħor Ruman. Is-sejba kienet ta' bir mibni minn ċangaturi tal-fuħħar. Dan il-bir kien fond 5 piedi u 2 pulzieri b'diametru ta' 3 piedi u 3 pulzieri. Kellu għamla ta' qanpiena u li kif ġie rrapurtat dak in-nhar s'issa ma nstab qatt bħalu fil-Gżejjer tagħna. Sejba oħra kienet fil-bini ta'



Bini tan-navi tan-naħa tal-Lvant.

dawn in-navijiet ta' "Amphora" li kien fiha madwar 4,000 biċċa flus tal-bronż. Meta ġew eżaminati sabu li kienu Sesterzi Rumani ta' żmien l-Imperatur Galliku bejn is-snin 259 u 274 W.K.[15]

Issa kien imiss jinbnew il-kappelli ta' Ġesù Marija u tal-Kurċifiss. Dik ta' Ġesù Marija nbdiet fis-27 ta' Novembru 1937 u x-xogħol spiċċa fil-11 ta' April 1938. Nixtieq infakkar lill-qarrej li l-Kannierja tal-Knisja kienet flok din il-Kappella.

Wara x-xogħol tal-bini ta' din il-kappella l-imgħallem bennej Saver Vella beda jibni l-Kappella tal-Kurċifiss liema xogħol kien intemm fil-25 ta' Awissu 1938.

Dawk il-Prospettivi li kienu jżejnu l-artali kollha xogħol ta' skultura fil-ġebel ta' stil purament barokk, il-bennej Saver Vella reġgħa bniehom f'posthom f'dawn in-navijiet ġodda fil-kwadri tagħhom. L-unika prospettiva ġdida li saret kienet dik tal-Kappella tal-Kurċifiss u l-iskultura tagħha fil-ġebel għamilha l-iskultur Għawdxi-Rabti Ġużè Agius (1893 – 1948).

## Il-Bini Ta' Saqaf Ġdid Troll di Bomba

Il-ftehim ma' Mons. Isqof Mikiel Gonzi kien li jinbnew biss in-navijiet. Imma meta raw kemm irnexxew u l-knisja barra li kibret iżżejnet, l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili u l-aħwa Portelli xtaqu li jitkompla x-xogħol billi jibnu saqaf ġdid troll di bomba u koppla ġdida. L-arkitett Ġużeppi Portelli li wera l-kapaċità fil-bini tan-navijiet kien ħejja kollox lill-bennej Saver Vella. Kien Ġużeppi wkoll bl-ikbar sabar agħmillu l-mollijiet tal-kartun fejn jidħol xogħol ta' lavur.

Mons. Isqof Mikiel Gonzi li kellu għal qalbu l-bini tal-Knejjes u t-tiżjin fihom reġgħa ta permess għall-bini ta' din l-opra. Mons. Też. Franġisku Portelli qalli kemm-il darba dawn il-preċiżi kelmiet: "Monsinjur Isqof Gonzi għenna ħafna fil-bini tal-Knisja."

Fid-19 ta' Settembru 1938 bdew iħottu s-saqaf il-qadim li kien tax-xorok. Bdew f'dak tal-Korsija u b'riħet hekk irranġaw l-Abside ta' l-Orgni. L-ewwel indana li nbniet fis-saqaf il-ġdid kienet dik ta' ħdejn l-arkatura maġġuri li minnha jiddendel il-lampier. Ix-xogħol baqa' nieżel l-isfel u kien spiċċa fit-23 ta' Marzu 1939. F'April tas-sena 1939 bdew iħottu u jibnu s-saqaf tal-Kappellun ta' San Lazzru fejn ix-xogħol tal-bini l-Imgħallem Saver Vella temmu fil-21 ta' Ġunju 1939. Ix-xogħol fuq il-Kappellun ta' l-Erwieħ kien beda fit-28 ta' Ġunju u spiċċa fit-20 ta' Awissu 1939. Ix-xogħol tas-Saqaf tal-Kor kien beda fl-4 ta' Settembru 1939 u l-bennej Saver spiċċaħ wara nofs in-nhar tal-21 ta' Ottubru ta' dik is-sena. L-aħħar ġebla tpoġġiet waqt li kienet dieħla f'San Ġorġ il-purċissjoni ta' Sant'Ursula. Ta' min ikun jaf li mis-saqaf il-qadim tħallew biss l-erba arkaturi maġġuri li jerfgħu l-koppla.

---



Arċipriet Mons. Alfons M. Hili



l-Imgħallem Saver Vella

## Il-Bini tal-Koppla Maestuża

Fis-26 ta' Ottubru 1939 bdew iħottu t-tanbur tal-koppla l-qadima biex tinbena koppla oħra ġdida. Ġużepp Portelli wkoll kien ħejja l-pjanta tagħha. Id-disinn tat-tmien twieqi kienu ħallew dak ta' l-Arkitett magħruf Vitor Cassar (c. 1580 – c. 1670) skond ix-xewqa ta' l-Isqof Gonzi. L-aħħar ġebla tal-koppla, jiġifieri l-balla fejn kellu jitpoġġa s-Salib tpoġġiet fit-13 ta' Lulju 1940 għall-ħabta tal-12.15 p.m. (ħin legali), il-11.15 a.m. ħin solari. Is-Salib tal-koppla li kien tal-mużajk isfar bil-ħadid fiħ kien tbierek mis-Segretarju ta' l-Isqof Gonzi, Mons. Arċidjaknu Ġużeppi Pace fuq il-presbiterju ta' l-artal Maġġur fl-14 ta' Lulju 1940. B'dan it-tagħrif niġi għat-tmiem ta' din il-kronaka storika tal-bini tan-Navijiet, Saqaf ġdid u Koppla Maestuża b'qisien regulari li fil-kumpless għamlu l-isbaħ tempju Maestuż u arkitetoniku f'Għawdex.

## Inawgurazzjoni tal-Knisja

Wara dan ix-xogħol kollu fil-bini li beda fid-19 ta' Awissu 1935 u spiċċa fit-13 ta' Lulju 1940 fejn kollox intemm b'wiċċ il-ġid kien jonqos il-jum ta' l-Inawgurazzjoni li wara fetaħ era ġdida lil dan it-Tempju Monumentali Ġawhra tal-Barokk klassiku.

Għalhekk fit-28 ta' Lulju 1940 din il-Bażilika ġiet inawgurata bħala restawrata u mkabbra. F'dak il-jum li kien il-Ħadd saret l-Espożizzjoni Solenni b'quddiesa bil-vuċijiet immexxija minn Dun Franġisk Borg mill-Fontana. Wara nofs in-nhar sar Għasar kantat u d-diskors taċ-Ċirkustanza għamlu Patri Ġiaċintu Kapuċċin mir-Rabat, Għawdex.

Bħala għeluq l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi ntona t-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla u wara ta l-Benedizzjoni Sagramentali. Mons. Isqof Gonzi kien ħa wkoll l-okkażjoni fejn qal erba' kelmiet ta' radd il-ħajr u ta' nkoraġġiment għal min ħadem u stinka għal din l-opra tassew qaddisa.[16]

Il-Bennej Saver Vella li kien bena dan ix-xogħol kollu b'għaqal u sabar kbir miet fis-27 ta' Marzu 1962 fir-raħal tiegħu taż-Żebbuġ fl-għomor ta' 81 sena. Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' dan ir-raħal sabiħ u arjuż.[17]

Huwa kollu mertu ta' dawn in-nies u oħrajn li għalenija ħadmu għad-Dar tal-Mulej. Dak li llum huwa tagħna u qiegħdin ingawduh fil-milja tiegħu tawulna huma u aħna għarafna nżejnuh għax hekk jixraq fejn jgħammar is-Sid tal-Ħolqien, Alla tagħna.

## Riferenzi


1. Arkivju Bażilika San Ġorġ. *Lib. Bapt. Par. Eccl. Sti. Georgii M. 1879 – 1890*, p. 178.
2. Kan. Dun Nikol Vella Apap. *Storja tal-Knisja f'Għawdex*. Ms. Vol. III p. 32.
3. L-Istess. Vol. VII p. 68.
4. L-Istess. Vol. IV p. 356.
5. L-Istess. Vol. IX p. 2, 3.
6. Arkivju Bażilika San Ġorġ. *Lib. Mort. Par. Eccl. Sti. Georgii M.* p. 59.
7. Arkivju Parroċċa Żebbuġ, Għawdex. *Lib. Bapt. Par. Eccl. Żebbuġ*. Vol. III.
8. Prof. Andrew Vella, O.P., S.Th.L., B.Lett. (Oxon.). *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu*, p. 22.
9. Tagħrifa tan-neputi ta' dawn l-aħwa bennejja, is-Sur Ġużeppi Vella Muscat.
10. Kan. Dun Nikol Vella Apap. *Storja tal-Knisja f'Għawdex*. Ms. Vol. III, p. 207.
11. L-Istess. Vol. VIII p. 138.
12. L-Istess. Vol. III p. 114.
13. *Museum Report 1936 – 37*. p. 271, 282 – 3.
14. Kan. Dun Nikol Vella Apap. *Storja tal-Knisja f'Għawdex*. Ms. Vol. III p. 115.
15. *Museum Report 1936 – 37*, p. 284. Ara wkoll kitba tal-Kav. Joseph Galea fis-sensiela *Unknown Malta*, fit-***Telstar u Berqa***, 18-xi-1970.
16. Kan. Dun Nikol Vella Apap. *Storja tal-Knisja f'Għawdex*, Ms. Vol. III, p. 113 – 117.
17. Arkivju Parroċċa Żebbuġ, Għawdex. *Lib. III. Mort. Opp. Żebbuġ*.